# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa 26 ta' Ġunju, 2020**

**Numru 2**

**Rikors Numru 1334/01TA**

**John Borg u Philip Borg u b'digriet tal-4 ta' Frar 2020 l-atti f'isem Philip Borg li miet fil-mori tal-kawża ġew trasfużi f'isem uliedu Ruth Borg u Reuben Borg**

**vs**

**Bristow Potteries Limited**

**Il-Qorti:**

Rat iċ-Ċitazzjoni tal-Atturi ippreżentata fit-12 ta' Lulju 2001 u maħlufa fil-11 ta' Lulju 2001 minn Philip Borg li permezz tagħha talbu s-segwenti:-

> "Peress illi l-atturi għandhom drittijiet ta' l-awtur fuq platti ossija "souveniers" illi ta' diversi forom u daqsijiet illi juru xejni ta' Malta, fosthom platt ossija "souveniers" illi juru l-veduta tal-Imdina minn taħt b'karozzin Malti quddiemha;
>
> Peress illi l-atturi ilhom snin twal ibiegħu u jikkummerċjalizzaw f'Malta dawn is-"souveniers" u dan jikkostitwixxi s-sors prinċipali ossija uniku ta' introjtu għan-negozju tagħhom;

Peress illi riċentement is-soċjeta` konvenuta bdiet tbiegħ u tispaċja fis-suq lokali kopji ossija riproduzzjonijiet ta' dawn il-platti ossija "souveniers" li juru x-xena tal-Imdina minn taħt b'karozzin Malti quddiemha, u dan bi ksur tad-dritijiet tal-awtur illi għandhom l-atturi;

Peress illi dan l-aġir illegali u abbużiv tas-soċjeta` konvenuta kkawża danni kbar lill-atturi u huwa ntiż sabiex lill-atturi ittieħdilhom l-uniku sors ta' introjtu għan-negozju tagħhom filwaqt illi s-soċjeta` konvenuta tkun tista' tkompli tkabbar l-imperu kummerċjali tagħha;

Peress illi l-atturi talbu u ottenew il-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni numru 1603/01DS b'digriet mogħti minn din l-Onorabbli Qorti fit-2 ta' Lulju, 2001 illi permezz tiegħu s-soċjeta` konvenuta ġiet inibita milli tkompli tbiegħ, tiddistribwixxi, tikkummerċjalizza u tispaċċja kopji ossija riproduzzjonijiet tas-"souvenier" illi juri x-xena tal-Imdina minn taħt b'karozzin Malti quddiemha illi fuqu l-atturi għandhom drittijiet tal-awtur skond il-liġi;

Peress illi din l-Onorabbli Qorti kienet tat dan id-digriet fit-2 ta' Lulju, 2001 wara li semgħet ix-xhud u trattazzjonijiet u rat u eżaminat id-dokumenti eżebiti, filwaqt illi preċedentement b'digriet mogħti fil-25 ta Mejju, 2001 it-talba għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni proviżorjament;

Peress illi minkejja l-fatt illi t-talba tal-atturi odjerni għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni kien ġie milqugħ minn din l-Onorabbli Qorti proviżorjament, is-soċjeta` konvenuta xorta waħda baqgħet tbiegħ il-kopji tas-"souvenier" fuq imsemmi u tesponi l-istess kopji għall-bejgħ lill-pubbliku in ġenerali;

Peress illi dan l-aġir illegali u abbużiv tas-soċjeta` konvenuta kkawża danni kbar lill-atturi u huwa ntiż sabiex lill-atturi jittieħdilhom l-uniku sors ta' introjtu għan-negozju tagħhom filwaqt illi s-soċjeta` konvenuta tkun tista' tkompli tkabbar l-imperu kummerċjali tagħha;

Peress illi l-aġir tas-soċjeta` konvenuta għaliex m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Prevja kull dikjarazzjoni oħra talvolta meħtieġa u neċessarja, tiddikjara illi s-soċjeta` konvenuta għamlet kopji ossija riproduzzjonijiet tas-"souveniers" fuq deskritti li fuqhom l-atturi għandhom drittijiet tal-awtur, u dan bi ksur tal-Liġi li tittutela d-drittijiet tal-awturi;

2. Tikkundanna lis-soċjeta` konvenuta biex iħallsu lill-atturi dawk id-danni jew penali fl-ammont li jiġi likwidat minn din l-Onorabbli Qorti;

3. Tillikwida dik is-somma in linea ta' danni jew penali li s-soċjeta` konvenuta għandha tiġi kundannata li tħallas lill-atturi;

4. Tikkundanna lis-soċjeta` konvenuta sabiex tirrestitwixxi lill-atturi – qliegħ kollu illi hija għamlet mill-kontravenzjoni tad-drittijiet tal-awtur, illi għandhom l-atturi;

5. Tillikwida okkorrendo l-opera ta' perit nominandi dak il-qliegħ li s-soċjeta` konvenuta għamlet mill-kontravenzjoni tad-drittijiet tal-awtur, liema qliegħ is-soċjeta` konvenuta għandha tiġi kundannata li tirrestitwixxi lill-atturi;

6. Tagħti lill-atturi dawk id-danni addizzjonali skond ma dan il-każ partikolari ġustament jeħtieġ;

7. Tillikwida dawk id-danni addizzjonali li għandhom jingħataw mis-soċjeta` konvenuta lill-atturi skond kif meħtieġ minn dan il-każ partikolari;

8. Tordna lis-soċjeta` konvenuta biex tikkonsenja lill-atturi dawk l-oġġetti kollha kontravenzjonanti għad-drittijiet tal-awtur tal-atturi illi għadhom jew ikunu għadhom fil-pussess tas-soċjeta` konvenuta.

L-ispejjeż kollha inkluż dawk tal-mandat ta' inibizzjoni numru 1603/01DS u tar-rikorsi kollha ntavolati fl-atti tal-istess mandat ta' inibizzjoni numru 1603/01DS, u bl-imgħax legali sad-data tal-pagament effettiv kontra s-soċjeta` konvenuta minn issa nġunta għas-subizzjoni."

Rat ir-risposta ġuramentata tas-Soċjetá Konvenuta ppreżentata fit-22 ta' Ottubru 2001 u maħlufa fl-istess data minn Adrian Grima li permezz tagħha wieġbet is-segwenti:-

"1. Illi preliminarjament l-insostenibilta` ta' l-azzjoni promossa mill-atturi għad illi l-atturi ma humiex il-vera titolari u proprjetarji tal-allegat dritt ta' awtur u konsegwentement ma' setgħux iġibu 'l quddiem l-azzjoni odjerna f'isimhom proprju. Artikolu 13(3) tal-Att dwar id-Drittijiet ta' l-Awtur infatti jistipula illi l-azzjoni dwar ksur ta' drittijiet ta' awtur għandha ssir fuq istanza tal-proprjetarju tad-dritt ta' awtur.

2. Mingħajr preġudizzju għas-suespost u fil-mertu t-talbiet attriċi huma nfondati kemm fil-fatt u kemm fid-dritt u għandhom jiġu respinti bl-ispejjes kontra l-atturi u dan peress illi d-disinji jew mudelli ta' manifattura li fuqhom qegħda tiġi allegata l-esistenza ta' dritt ta' awtur ma humiex eleġibbli għad-dritt ta' awtur għad illi huma mankati mir-rekwiżiti essenzjali sabiex tali dritt ta' awtur jipprevalixxi u jissussisti.

3. Subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-suespost f'każ li jiġi dikjarat li l-atturi jinsabu vestiti bl-allegat dritt ta' awtur l-eċċipjenti soċjeta` ma għandhiex tiġi kkundannata għar-restituzzjoni tal-qligħ għad illi l-eċċipjenti soċjeta` ma kinitx taf u ma setgħetx tkun raġonevolment mistennija li tkun taf li jeżisti dritt ta' l-awtur fuq ix-xogħol li għalih l-azzjoni odjerna tirriferixxi.

4. Subordinatament ukoll u mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet preliminari u fil-mertu t-talba mmarkata numru 8 fiċ-ċitazzjoni tal-atturi għandha tiġi respinta bl-ispejjeż għad illi skond sub-artikolu 4 ta' Artikolu 134 tal-Att dwar id-Drittijiet ta' l-Awtur it-talba għall-konsenja lill-atturi tal-artikoli kollha li jiksru d-dritt ta' l-awturi tal-atturi għandha ssir fuq rikors ta' atturi u mhux fiċ-ċitazzjoni promotriċi.

5. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri."

Rat l-avviż tat-22 ta' Frar 2019 dwar l-assenjazzjoni ta' dmirijiet lill-Imħallfin ai termini tal-artikolu 11(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, li bis-saħħa tiegħu l-kawża odjerna ġiet assenjata lil dina l-Qorti kif presjeduta meta kienet diġa mħollija għas-sentenza;

Rat is-sentenza parzjali mogħtija fit-22 ta' Ġunju 2011 fejn din il-Qorti ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni preliminari tas-Soċjetá Konvenuta bħala mhix mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt, bl-ispejjeż kontra l-istess kumpannija mħarrka;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti;

Qrat ix-xhieda fil-kawża;

Rat il-verbal tal-udjenza tat-30 ta' Mejju 2019 fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

**Punti ta' fatti**

**1.** Fiż-żmien meta ġiet istitwita din l-azzjoni, l-Atturi kienu jbiegħu u jikkummerċjalizzaw platti dekorattivi ossija "souveniers" ta' diversi forom u

daqsijiet illi juru xeni ta' Malta, inkluż platti li juru x-xena tal-Imdina minn taħt b'karozzin Malti quddiemha. Dawn tal-aħħar ġew magħżula mill-Atturi u ġew sussegwentement kreati b'kollaborazzjoni flimkien mad-ditta estera A.L.C.E.A.R. (ara nota a' fol 24 para 9). Il-bejgħ ta' dawn is-souvenirs kien jikkostitwixxi l-uniku sors ta' introjtu tagħhom.

**2.** L-Atturi jivvantaw drittijiet tal-awtur fuq dawn is-souvenirs. Huma jikkontendu li s-Soċjetá Konvenuta qiegħda tbiegħ fis-suq lokali riproduzzjonijiet mhux awtorizzati ta' platti bix-xena tal-Imdina minn taħt b'karozzin Malti quddiemha bi ksur tad-drittijiet tal-awtur li l-Atturi għandhom fuq dawn il-platti.

**3.** L-Atturi talbu il-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni sabiex is-Soċjetá Konvenuta tiġi inibita milli tkompli tipproduċi, timmanifattura, timporta, tiddistribwixxi, tinnegozja, tbiegħ, teżebixxi fil-pubbliku, toffri għall-bejgħ u tippubbliċiża riproduzzjonijiet ta' dawn il-platti (ara atti tal-mandat numru 1603/01 fol 1).

**4.** Din il-Qorti diverżament presjeduta laqgħet dan il-mandat proviżorjament b'digriet datat 25 ta' Mejju 2001 u mbagħad definittivament b'digriet datat 2 ta' Lulju 2001.

**5.** L-Atturi jsostnu li s-Soċjetá Konvenuta xorta baqgħet tbiegħ kopji ta' dawn il-platti kif ukoll tesponi l-istess għall-bejgħ lill-pubbliku in ġenerali (ara ċitazzjoni premessa 7). Difatti fid-19 ta' Ġunju 2001 l-Atturi preżentaw rikors fl-atti tal-mandat sabiex jiġu istitwiti kontra s-Soċjetá

Konvenuta proċeduri għad-disprezz tal-Qorti. Iżda l-Qorti b'digriet tas-27 ta' Lulju 2001 ċaħdet it-talba tal-Atturi "Billi l-allegazzjoni tar-rikorrenti ma ġietx sodisfaċentement ppruvata" (ara atti tal-mandat numru 1603/01DS).

**Punti ta' Liġi**

**6.** Din l-azzjoni hija waħda għal-likwidazzjoni u l-ħlas ta' danni jew penali skont kif jipprovdi l-artikolu 43 tal-Kap. 415 tal-Liġijiet ta' Malta minħabba allegat ksur tad-drittijiet tal-awtur mis-Soċjetá Konvenuta.

**7.** Il-Kap. 415 jittrasponi d-Direttiva 2001/29/KE dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerti aspetti ta' drittijiet ta' l-awtur u drittijiet relatati fis-soċjetá ta' l-informazzjoni, magħrufa aktar bħala id-Direttiva InfoSoc (ara https://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/NIM/?uri=celex:32001L0029).

**8.** Dan il-kapitolu joffri protezzjoni tad-drittijiet tal-awtur, drittijiet relatati u drittijiet sui generis fuq xogħolijiet artistiċi, awdjoviżivi, letterarji, mużikali u databases kif imfissra fl-artikolu 2 tal-Kap imsemmi.

**9.** Għal dak li għandu x'jaqsam mad-drittijiet tal-awtur, xogħol bħal dan igawdi mit-tutela ta' din il-protezzjoni jekk jissodisfa żewġ rekwiżiti ġenerali stabbiliti fl-artikolu 3(2). Dawn huma li x-xogħol irid ikun ta' kwalitá oriġinali u jkun iffissat f'forma materjali.

**10.** Filwaqt li l-iffissar f'forma materjali huwa mpost bħala rekwiżit sabiex xogħol ikun jista jiġi aċċessat f'forma tanġibbli, l-oriġinalitá hija dik li fil-fatt tagħti valur lix-xogħol.

Oriġinalitá

**11.** Id-direttiva InfoSoc kif trasposta bil-Kap. 415 tal-Liġijiet ta' Malta, ma toffri l-ebda tifsira ta' dan il-kunċett pjuttost vag tal-oriġinalitá, ħlief li teskludi espressament il-kwalitá artistika, letterarja u mużikali minn dawn ix-xogħolijiet (ara artikolu 2).

**12.** Din l-esklużjoni, għalkemm limitatament għal xogħol artistiku, insibuha wkoll fl-artikolu 4(1)(a) tal-liġi ingliża Copyright Designs and Patents Act 1988. Fuq din l-esklużjoni l-awtur Copinger jinnota s-segwenti:

*'The definition of an artistic work under the 1911 [UK] Act did not contain such words, but it was generally considered that the word "artistic" was merely used as a generic term to include the different processes of creating works set out in the definition section and that, provided that a work was produced by one of such processes, and that its creation involved some skill or labour on the part of the artist, it was protected*.' Copinger *and Skone James on Copyright*, Volume 1, Sweet & Maxwell, Fifteenth Edition, 2005, 83, 3-52.

**13.** Applikat il-ħsieb ta' Copinger, tali esklużjoni tindika li fid-determinazzjoni ta' dan ir-rekwiżit, Qorti m'għandhiex tħares lejn il-kwalitá tax-xogħol innifsu iżda lejn il-grad ta' sforz meħtieġ biex sar ix-xogħol.

**14.** Din l-esklużjoni hija sinonima mar-rekwiżit ta' 'sforz biżżejjed' li kienet timponi l-liġi l-antika tad-Drittijiet tal-Awtur, Kap. 196 tal-Liġijiet ta' Malta, qabel ma din ġiet abrogata bid-dħul fis-seħħ tal-Kap. 415 permezz tal-att XIII tal-2000. L-insenjament fuq dan in-rekwiżit insibuh fil-każ **General Soft Drinks Company Limited vs Portanier Bros. Limited** mogħti fit-31 ta' Lulju 2003 mill-Qorti tal-Appell:

"*X'inhu l-grad ta' "sforz" li jrid ikun hemm biex wiehed jista' jitkellem dwar "karattru originali"? Hawnhekk wiehed irid necessarjament jorbot mad-definizzjoni ta' "xoghol artistiku" moghtija fl-Artikolu 2(1) tal-Kap. 196, fejn il-"kwalita` artistika" tax-xoghol hija espressament eskluza mill-istess definizzjoni. L-eskluzjoni mill-ekwazjoni tal-kwalita` artistika tax-xoghol tfisser li l-"isforz" mehtieg biex ikollok "xoghol artistiku" originali huwa pjuttost wiehed baxx.*"

**15.** Dan ir-rekwiżit jidher li baqa' jiġi applikat fil-prinċipju anka wara li ġie abrogat bid-dħul fis-seħħ tal-Kap. 415 (ara **Yellow Pages (Malta) Limited vs Jurgen Neumann et**, Qorti Ċivili Prim' Awla 2 ta' Settembru 2003).

**16.** Ir-rekwiżit ta' sforz biżżejjed ġie meħud mid-dottrina tradizzjonali Ingliża kif stabbilita fil-każ University of London Press, Ltd v University Tutorial Press, Ltd [1916]. Skont dan il-każ, xogħol ikun oriġinali jekk ma jkunx ikkupjat minn xogħol ieħor u juri *a sufficient amount of skill, labour and effort* (ammont biżżejjed ta' xogħol, ħila u sforz). Dan it-test pjuttost

laxk tal-kunċett tal-oriġinalitá ġie komunament imsejjaħ *the sweat of the brow*.

**17.** Iżda din it-tifsira tradizzjonalment stabbilita fil-common law Ingliża tmur intrinsikament kontra t-tifsira kontinentali ta' "kreazzjoni intellettwali tal-awtur" espressament rikonoxxuta fil-liġi tal-Unjoni Ewropea. Din il-liġi armonizzat ir-rekwiżit tal-oriġinalitá limitatament fir-rigward ta' tlett kategoriji ta' xogħlijiet relatati mat-teknoloġija. Dawn huma programmi tal-kompjuter (artikolu 1(3) tad-Direttiva 2009/24/EC dwar il-protezzjoni legali ta' programmi tal-kompjuter magħrufa bħala *the Software Directive*), fotografiji (artikolu 6 tad-Direttiva 2006/116/EC dwar il-perjodu ta' protezzjoni ta' drittijiet ta' l-awtur u ta' ċerti drittijiet relatati magħrufa bħala *the Term Directive*) u databases (artikolu 3(1) tad-Direttiva 96/9/EC dwar il-protezzjoni legali ta' databases magħrufa bħala *the Database Directive*).

**18.** It-tifsira armonizzata tar-rekwiżit tal-oriġinalitá f'dawn il-kategoriji ta' xogħlijiet bħala 'kreazzjoni intellettwali tal-awtur' timmira li tipproteġi l-kreattivita iktar milli l-isforz tal-awtur. It-test li għandu jiġi applikat huwa għalhekk aktar riġidu minn dak tradizzjonalment applikat fil-*common law* Ingliża. Dan għaliex il-kontribut personali u individwali tal-awtur irid ikun viżibli fir-riżultat kreattiv tax-xogħol finali. Isegwi li, sabiex igawdi minn protezzjoni tad-drittijiet tal-awtur, ix-xogħol irid ikun wieħed tal-moħħ u mhux biss riżultat ta' sforz biżżejjed (*Judgemade EU Copyright Harmonisation The Case of Originality*, Eleonora Rosati, paġna 105).

**19.** Fid-dawl ta' din l-osservazzjoni, il-Qorti tista tifhem għaliex ir-rekwiżit ta' 'sforz biżżejjed' imposta fil-liġi l-antika tal-Kap. 196 ġiet kompletament eliminata fil-liġi attwali taħt il-Kap. 415. Madanakollu, fin-nuqqas ta' tifsira li tistabilixxi x'test legali Qorti għandha tapplika fid-determinazzjoni ta' jekk xogħol huwiex jew le ta' kwalitá oriġinali, l-iskop wara dan ir-rekwiżit baqa' inċert.

**20.** Dan għaliex kif ġia ingħad, bit-tlett direttivi fuq imsemmija, l-Unjoni Ewropea fittxet li tarmonizza il-kunċett tal-oriġinalitá biss fir-rigward ta' kategoriji ta' xogħlijiet relatati mat-teknoloġija. Safejn jikkonċernaw id-drittijiet tradizzjonali tal-awtur, l-Istati Membri tħallew liberi li jżommu l-istandards ta' oriġinalitá tagħhom stess.

**21.** Dan l-istat ta' inċertezza ħadet ħsieb twaqqfu il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (CJEU) fis-sentenza **C-5/08 Infopaq International A/S v. Danske Dagblades Forening**. F'din is-sentenza li stabbiliet preċedent, l-imsemmija Qorti de facto armonizzat hi stess il-kunċett ta' oriġinalitá f'livell Ewropew.

**22.** F'Infopaq, is-CJEU primarjament irriteniet li minn dak dispost fl-artikolu 2(a) tad-Direttiva 2001/29, "jirriżulta li l-protezzjoni tad-dritt li tiġi awtorizzata jew ipprojbita r-riproduzzjoni li jgawdi awtur għandha bħala suġġett "xogħol" (ara para 33).

**23.** Il-Qorti kompliet biex tikkjarafika t-tifsira ta' "xogħol" billi rrivertiet għall-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni ta' Berna għall-Protezzjoni tax-Xogħolijiet

Letterarji u Artistiċi minn fejn "jirriżulta li l-protezzjoni ta' ċerti oġġetti bħala xogħlijiet letterarji jew artistiċi tippreżupponi li dawn jikkostitwixxu kreazzjonijiet intellettwali" (ara para 34).

**24.** Finalment, il-CJEU iċċarat il-parametri ta' din il-protezzjoni billi fissret ir-rekwiżit tal-oriġinalitá. Dan għamlitu billi l-ewwel iddeduċiet li d-Direttiva Infosoc għandha l-għeruq fl-istess prinċipji li fuqhom huma minsuġa t-tlett Direttivi msemmija aktar 'il fuq (Software Directive, Database Directive u Term Directive). Il-Qorti sostniet din id-deduzzjoni minn qari tal-premessi 4, 9 sa 11 u 20, kif ukoll il-preambolu tad-Direttiva Infosoc. Il-CJEU umbagħad għaddiet biex tikkonkludi li l-qafas tal-liġi armonizzata tad-drittijiet tal-awtur għandha bl-istess mod tkun mibnija fuq ir-rekwiżit tal-oriġinalitá kif imfisser fl-artikolu 1(3) tas-Software Directive, artikolu 3(1) tad-Database Directive u l-artikolu 6 tat-Term Directive, jiġifieri bħala l-"kreazzjoni intelletwali tal-awtur":

"*F'dawn iċ-ċirkustanzi, id-drittijiet tal-awtur fis-sens tal-Artikolu 2(a) tad-Direttiva 2001/29 jistgħu japplikaw biss fir-rigward ta' xogħol li huwa oriġinali fis-sens li huwa kreazzjoni intellettwali tal-awtur stess.*

*Fir-rigward tal-partijiet differenti ta' xogħol, għandu jiġi kkonstatat li ma hemm xejn fid-Direttiva 2001/29 jew f'direttiva applikabbli oħra f'dan il-qasam li jindika li dawn il-partijiet huma suġġetti għal sistema differenti minn dik li huwa suġġett għaliha xogħol sħiħ. Isegwi li dawn huma protetti*

*mid-drittijiet tal-awtur meta huma jagħmlu parti, bħala tali, mill-oriġinalità tax-xogħol sħiħ.*

*Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet esposti fil-punt 37 ta' din is-sentenza, il-partijiet differenti ta' xogħol għalhekk jibbenefikaw minn protezzjoni skont l-Artikolu 2(a) tad-Direttiva 2001/29 bil-kundizzjoni li jkun fihom ċerti elementi li huma l-espressjoni tal-kreazzjoni intellettwali tal-awtur stess ta' dan ix-xogħol*" (para 37 sa39).

**25.** Din it-tifsira ta' oriġinalitá mogħtija f'Infopaq ġiet konfermata fil-paragrafi 46 u 51 tal-kawża **Bezpečnostni softwarova asociace – Svaz softwarove ochrany v. Ministerstvo kultury (C-393/09)**. L-istess ġiet ukoll elaborata f'każijiet bħal dawk konġunti **C-403/08 u C-429/08 Football Association Premier League Ltd v. QC Leisure and Karen Murphy v. Media Protection Services Ltd** (paragrafi 96 sa 99), kif ukoll **C-145/10 Eva-Maria Painer v. Standard VerlagsGmbH** (paragrafi 87 sa 92), **C-604/10 Football Dataco Ltd v. Yahoo! UK Ltd** (para 30 et seq) u **C-406/10 SAS Insitute Inc v World Programming Ltd** (para 65 sa 70).

**26.** Il-każ ta' **Murphy** jirrigwarda dritt tal-awtur fuq il-logħbiet tal-"Premier League". Hemm is-CJEU iċċarat li sabiex oġġett ikkonċernat ikun oriġinali fis-sens li jikkostitwixxi kreazzjoni intelletwali tal-awtur, irid ikun riżultat ta' "libertá kreattiva" tal-awtur stess (para numru 98). Hija fil-fatt ikkonkludiet li l-logħbiet sportivi, b'mod partikolari l-logħob tal-futbol, ma jistgħux jiġu kkunsidrati li huma kreazzjonijiet intelletwali klassifikabli

bħala xogħol taħt id-Direttiva InfoSoc għax dawn isiru taħt regoli tal-logħob u għalhekk ma jħallux post għal din il-"libertá kreattiva fis-sens tad-drittijiet tal-awtur" (ibid).

**27.** Il-każ ta' **Painer** jirrigwarda dritt tal-awtur fuq ritratti ta' persuna. Hemm is-CJEU arrikiet l-interpretazzjoni tal-oriġinalitá billi emfasizzat li "*kreazzjoni intellettwali hija tal-awtur innifsu jekk tkun tirrifletti l-personalitá tiegħu*" (para 88). Skont is-CJEU, "*dan huwa l-każ jekk l-awtur seta' jesprimi l-kapaċitajiet kreattivi tiegħu fil-ħolqien tax-xogħol billi jagħmel għażliet liberi u kreattivi*" (para 89). Il-CJEU rriteniet dan billi fakkret *a contrario* dak affermat minnha stess fil-każ ta' Murphy para 98 ċitat aktar il-fuq. Minn dan is-CJEU kompliet tirrileva li l-awtur ta' ritratt ta' persuna "*jista' jagħmel l-għażliet liberi u kreattivi tiegħu f'diversi modi u f'mumenti differenti tal-ħolqien tagħhom*" (para 90). Bħala eżempju il-Qorti ċċarat li "[f]*l-istadju tal-fażi preparatorja, l-awtur jista' jagħżel ix-xena, il-poża tal-persuna ta' min se jieħu r-ritratt jew id-dawl. Waqt li jkun qed jieħu r-ritratti ta' persuna, jista' jagħżel l-inkwadratura, l-angolu jew ukoll l-atomosfera maħluqa. Fl-aħħar nett, fl-iżviluppar tan-negattiva, l-awtur jista' jagħżel fost diversi tekniki ta' żvilupp li jeżistu dik li jkun jixtieq jadotta, jew inkella, skont il-każ, juża software*" (punt 91). Bħala konsegwenza ta' għażliet varji bħal dawn, il-Qorti ddikjarat li "*l-awtur ta' ritratt ta' persuna għalhekk huwa f'pożizzjoni li jħalli l-"l-irtokk personali" tiegħu fuq ix-xogħol maħluq*"(punt 92).

**28.** B'din id-deċiżjoni il-Qorti Ewropeja ddikjarat li l-awtur ta' ritratt ta' persuna huwa, inter alia, ugwalment intitolat taħt l-artikolu 2(a) tad-Direttiva InfoSoc "għad-dritt esklussiv li jawtorizza jew jipprojbixxi riproduzzjoni diretta jew indiretta, temporanja jew permanenti b'kull mezz u f'kull forma, kollha jew parti" (ara wkoll para 97 u 98).

**29.** Fil-każ ta' **Football Dataco Ltd** is-CJEU ġiet mitluba tiċċara jekk l-istandard tal-oriġinalitá stabbilita fid-Direttiva Infopaq għandhiex tinqara bħala li hija aktar stretta minn dik tradizzjonalment laxka ta' xogħol u ħila sinjifikattiva tal-awtur fir-Renju Unit (ara mistoqsija 1(c) f'punt numru 24). Kif diġa ingħad, dan huwa l-istess standard li l-Qrati tagħna kienu japplikaw qabel u anke wara li ġie abrogat il-Kap. 196 bl-implimentazzjoni tad-Direttiva InfoSoc permezz tal-Kap. 415 tal-Liġijiet ta' Malta.

**30.** Fir-risposta tagħha is-CJEU għamlitha ċara li d-Direttiva Infopaq fil-fatt bidlet it-tifsira u l-iskop tar-rekwiżit tradizzjonali Ingliż tal-oriġinalitá. Fil-para 30 et seq tas-sentenza l-Qorti offriet spjegazzjoni mirquma tat-tifsira ta' dan ir-rekwiżit fi ħdan id-Database Directive u, b'mod iktar ġenerali, fir-rigward ta' x'għandu jkun l-għarfien globali Ewropew tal-oriġinalitá.

**31.** Fl-evalwazzjoni minnha tar-rekwiżiti għal protezzjoni tal-copyright skont l-artikolu 3 tad-Direttiva dwar id-Database, is-CJEU l-ewwel ikkunsidrat it-tifsira tal-frażi 'għażla jew l-arranġament' hemm kontenuta. Hija umbagħad ikkunsidrat il-kunċett tal-kreazzjoni intelletwali tal-awtur.

**32.** Filwaqt li fakkret il-premessa 16 tad-Direttiva, kif ukoll il-ġurisprudenza rilevanti, il-Qorti Ewropeja ddikjarat li l-kunċett intelletwali tal-awtur innifsu jirriferi għal kriterju tal-oriġinalitá. Hija kompliet tirritjeni s-segwenti:

"*Fir-rigward tal-ħolqien ta' database, dan il-kriterju ta' oriġinalità huwa sodisfatt meta, permezz tal-għażla jew tal-arranġament tad-data li hija tinkludi, l-awtur tagħha jesprimi l-kapaċità kreattiva tiegħu b'mod oriġinali billi jwettaq għażliet liberi u kreattivi (ara, b'analoġija, is-sentenzi ċċitati iktar 'il fuq Infopaq International, punt 45; Bezpečnostní softwarová asociace, punt 50, u Painer, punt 89) u b'hekk idaħħal l-"irtokk personali" tiegħu (sentenza Painer, iċċitata iktar 'il fuq, punt 92).*

*Min-naħa l-oħra, l-imsemmi kriterju ma huwiex sodisfatt meta l-ħolqien tad-database huwa impost minn kunsiderazzjonijiet tekniċi, regolatorji jew minn restrizzjonijiet li ma jħallux post għal libertà kreattiva (ara, b'analoġija, is-sentenzi ċċitati iktar 'il fuq Bezpečnostní softwarová asociace, punti 48 u 49, kif ukoll Football Association Premier League et, punt 98).*

*Kif jirriżulta kemm mill-Artikolu 3(1) kif ukoll mill-premessa 16 tad-Direttiva 96/9, l-ebda kriterju ieħor għajr dak tal-oriġinalità ma huwa applikabbli għall-finijiet biex tiġi evalwata l-eliġibbiltà ta' database għall-protezzjoni mogħtija bid-drittijiet tal-awtur prevista b'din id-direttiva.*" (paragrafi 38 sa 40)

**33.** Il-Qorti għaddiet biex tikkjarifika żewġ punti addizzjonali. L-ewwelnett, għall-iskop li jiġi evalwat jekk database hijiex eliġibbli għal protezzjoni tad-drittijiet tal-awtur, huwa rrelevanti "*jekk din l-għażla jew dan l-arranġament tinkludix, jew le, "żieda sinjifikattiva" għal din id-data, kif imsemmi fl-ewwel domanda (b) magħmula mill-qorti tar-rinviju*" (para 41). L-uniku rekwiżit huwa u għandu jkun li "*l-għażla jew l-arranġament tad-data ... tkun l-espressjoni oriġinali tal-ħsieb kreattiv tal-awtur tad-database*" (ibid).

**34.** It-tieni, u l-iktar importanti safejn jirrigwarda d-drittijiet tal-Awtur tar-Renju Unit, huwa li "*l-fatt li l-ħolqien ta' database jkun jeħtieġ, irrispettivament mill-ħolqien tad-data li hija tinkludi, xogħol u ħila sinjifikattiva tal-awtur tagħha, kif imsemmi b'din l-istess domanda (ċ), ma jistax bħala tali, fil-każ li dan ix-xogħol u din il-ħila ma jkun jesprimi l-ebda oriġinalità fl-għażla jew fl-arranġament tal-imsemmija data, jiġġustifika l-protezzjoni tagħha permezz tad-drittijiet tal-awtur prevista bid-Direttiva 96/9*" (para 42).

**35.** Minn dan isegwi li sabiex database tkun eligibli għal protezzjoni tal-copyright taħt l-artikolu 3(1) tad-Direttiva, l-għażla jew l-arranġament tad-data li jkun fih irid jammonta għal espressjoni oriġinali tal-libertá kreattiva tal-awtur u li għandha tiġi kkunsidrata mill-Qrati Nazzjonali.

**36.** B'dan il-mod is-CJEU mhux biss armonizzat ir-rekwiżit tal-oriġinalitá u l-istandard ta' protezzjoni taħt il-liġi Ewropea tal-Copyright, iżda wkoll

eskludiet kwalunkwe possibilitá ta' protezzjoni alternattiva (ara *Judgemade EU Copyright Harmonisation The Case of Originality*, Eleonora Rosati, paġna 172).

**37.** Dan ifisser li preċedenti li nħolqu minn sentenzi Ingliżi bħal Univeristy of London Press u li fuqhom il-Qrati tagħna bbażaw id-deċiżjonijiet tagħhom, ma humiex iktar validi. Dan għaliex it-test li għandu jiġi applikat għad-determinazzjoni tal-oriġinalita' ta' xogħol m'għadhiex sempliċiment kwistjoni ta' grad dipendenti fuq l-ammont ta' sforz, ħila u xogħol involut.

**38.** Il-Każ ta' **SAS Institute Inc** jirrigwarda drittijiet tal-awtur taħt l-artikolu 1(2) tas-Software Directive fuq manwal ta' użu ta' programm tal-kompjuter. Il-CJEU fakkret il-prinċipji tar-rekwiżit tal-oriġinalitá mfissra fid-deċiżjoni tagħha Infopaq. Hija umbagħad ippreċiżat li l-Qorti Nazzjonali "*għandha teżamina jekk ir-riproduzzjoni tal-imsemmija elementi* [ta' programm tal-kompjuter] *tikkostitwixxix riproduzzjoni tal-espressjoni tal-kreazzjoni intellettwali tal-awtur stess tal-manwal ta' użu tal-programm tal-kompjuter inkwistjoni fil-kawża prinċipali. F'dan ir-rigward, l-eżami fid-dawl tad-Direttiva 2001/29, tar-riproduzzjoni ta' dawn l-elementi tal-manwal ta' użu ta' programm tal-kompjuter għandu jkun l-istess, sew jekk jirrigwarda l-kreazzjoni tat-tieni programm jew il-manwal ta' użu ta' dan il-programm tal-aħħar.*" (para 68 u 69).

**39.** B'din il-ġurisprudenza il-CJEU kisbet l-armonizzazzjoni sħiħa tar-rekwiżit ta' l-oriġinalitá fuq livell Ewropew. Ladarba d-Direttiva InfoSoc ġiet implimentata fil-liġi tagħna permezz tal-Kap 415 tal-Liġijiet ta' Malta, l-interpretazzjoni tar-rekwiżit tal-oriġinalitá kif armonizzata mis-CJEU għandha tiġi segwita mill-Qrati tagħhna (ara f'dan is-sens il-kawża **C-469/17**, **Funke Medien NRW GmbH vs Bundesrepublik Deutshcland** para 30 sa 33).

Ir-rekwiżit l-ieħor tal-iffissar f'forma materjali

**40.** Kif ġia ingħad, permezz tas-sentenza Infopaq kif konfermata u elaborata fis-sentenzi sussegwenti fuq imsemmija, is-CJEU rriżervat il-klassifikazzjoni ta' "xogħol" fis-sens tad-Direttiva InfoSoc għal dawk l-elementi li huma 'l-espressjoni tal-kreazzjoni intellettwali tal-awtur stess ta' dan ix-xogħol'.

**41.** Is-CJEU kompliet telabora din il-kundizzjoni fis-sentenza riċenti **C-310/17 Levola Hengelo BV v Smilde Foods BV**.

**42.** F'din id-deċiżjoni il-Qorti ġiet mitluba tiddeċiedi jekk id-Dritt tal-Unjoni Ewropea jipprekludix it-togħma ta' prodott tal-ikel, inkwantu kreazzjoni intellettwali proprja tal-awtur tiegħu, milli tkun protetta mid-drittijiet tal-awtur (ara mistoqsija 1(a) para 25). Dan minħabba l-instabbiltá (possibbli) ta' prodott tal-ikel u/jew in-natura suġġettiva ta' esperjenza ta' togħma ta' prodott tal-ikel (ara mistoqsija 1(c) para 25).

**43.** Il-Qorti ġiet mitluba wkoll tippreċiża jekk it-togħma ta' prodott tal-ikel hijiex prekluża mill-protezzjoni tad-drittijiet tal-awtur minħabba [i] d-drittijiet esklużivi u ta' restrizzjonijiet, kif irregolata mill-Artikolu 2 sa 5 tad-Direttiva Infosoc (mistoqsija 1(d) para 25) u [ii] l-fatt li fl-artikolu 2(1) tal-Konvenzjoni ta' Berna, li hija vinkolanti fl-Istati Membri kollha tal-Unjoni Ewropea, hemm ċitati eżempji ta' kreazzjonijiet ta' 'xogħlijiet litterarji u artistiċi' li jistgħu jiġu pperċpiti biss mill-ħars u/jew mis-smigħ (mistoqsija (1) (b) para 25).

**44.** Il-Qorti bdiet billi spjegat li l-artikolu 5 tad-Direttiva Infosoc tistabbilixxi serje ta' eċċezzjonijiet u limitazzjonijiet għad-drittijiet esklużivi li l-Istati Membri għandhom jipprevedu taħt l-Artikolu 2 sa 4 tal-istess Direttiva. Filwaqt li rriferiet għas-sentenza Infopaq fost oħrajn, is-CJEU kompliet tispjega li ladarba d-Direttiva InfoSoc ma tirriferix espliċitament għad-dritt tal-Istati Membri li jiddeterminaw it-tifsira u l-portata tal-kunċett ta' "xogħol", dan il-kunċett għandu jingħata, fl-Unjoni kollha, interpretazzjoni awtonoma u uniformi (para 33).

**45.** Il-Qorti sostniet għalhekk li t-togħma ta' prodott tal-ikel tista ssib protezzjoni taħt id-Direttiva InfoSoc biss jekk tikklassifika bħala "xogħol" fis-sens tal-istess Direttiva. Biex tkun tista tiġi hekk klassifikata, iridu jiġu sodisfatti żewġ kundizzjonijiet kumulattivi ġia esposti fis-sentenzi fuq ċitati: [1] li l-oġġett ikkonċernat għandu jkun oriġinali fis-sens li jikkostitwixxi kreazzjoni intellettwali tal-awtur tiegħu u [2] li l-klassifikazzjoni ta' "xogħol", fis-sens tad-Direttiva Infosoc, hija rriżervata

għall-elementi li huma l-espressjoni ta' tali kreazzjoni intelletwali (ara para 34 sa 37).

**46.** F'dan ir-rigward il-Qorti fakkret l-obbligu tal-Unjoni impost fl-artikolu 1(4) tat-Trattat dwar id-Drittijiet ta' l-Awtur (WIPO) li timplimenta u tikkonforma ruħha mal-Artikoli 1 sa 21 tal-Konvenzjoni ta' Berna. Dan minkejja li l-Unjoni ma hijiex parti kontraenti tal-istess konvenzjoni (ara par 38).

**47.** Il-Qorti rreferit għall-Artikolu 2(1) tal-Konvenzjoni ta' Berna fejn hemm stipulat li x-xogħolijiet letterarji u artistiċi jkopru l-produzzjonijiet kollha fil-qasam letterarju, xjentifiku u artistiku, indipendentement mill-mod jew mill-forma ta' espressjoni tagħhom. Il-Qorti rriferit ukoll għall-artikolu 2 tal-imsemmi Trattat tal-WIPO u l-Artikolu 9(2) tal-Ftehim dwar l-aspetti tad-drittijiet tal-proprjetá intelletwali relatati mal-kummerċ fejn hemm stipulat li "huma l-espressjonijiet u mhux l-ideat, il-proċeduri, il-metodi ta' funzjonament jew il-kunċetti matematiċi, inkwantu tali, li jistgħu jkunu s-suġġett ta' protezzjoni tad-drittijiet tal-awtur" (ara para 39 u s-sentenzi hemm riferuti).

**48.** Minn dan il-Qorti ikkonkludiet li t-togħma ta' prodott tal-ikel ma jikklassifikax bħala xogħol fit-termini tad-Direttiva Infosoc. Il-Qorti għalhekk laqgħet il-mistoqsijiet posti lilha fl-affermattiv, jiġifieri li d-Direttiva Infosoc tipprekludi li leġiżlazzjoni nazzjonali tiġi nterpretata

b'mod li hija tagħti protezzjoni tad-drittijiet tal-awtur lit-togħma ta' prodott tal-ikel. Hija kkonkludiet dan għar-raġunijiet segwenti:

"*Għaldaqstant, il-kunċett ta' "xogħol" kif previst mid-Direttiva 2001/29 jimplika neċessarjament espressjoni tas-suġġett tal-protezzjoni tad-drittijiet tal-awtur li tirrendih identifikabbli bi preċiżjoni u oġġettività suffiċjenti, minkejja li din l-espressjoni ma tkunx neċessarjament permanenti.*

*Fil-fatt, minn naħa, l-awtoritajiet inkarigati li jiżguraw il-protezzjoni tad-drittijiet esklużivi inerenti fid-drittijiet tal-awtur għandhom ikunu jistgħu jiddeterminaw b'mod ċar u preċiż l-oġġetti protetti b'dan il-mod. L-istess jgħodd għall-individwi, b'mod partikolari operaturi ekonomiċi, li għandhom ikunu jistgħu jidentifikaw b'mod ċar u preċiż l-oġġetti protetti għall-benefiċċju ta' terzi, b'mod partikolari, tal-kompetituri. Min-naħa l-oħra, il-bżonn li jiġi eskluż kull element ta' suġġettività, li jippreġudika ċ-ċertezza legali, fil-proċess ta' identifikazzjoni tal-oġġett protett jimplika li dan tal-aħħar jista' jkun is-suġġett ta' espressjoni preċiża u oġġettiva.*

*Il-possibbiltà ta' identifikazzjoni preċiża u oġġettiva ma teżistix fir-rigward tat-togħma ta' prodott tal-ikel. Fil-fatt, b'mod differenti, pereżempju, minn xogħol letterarju, tal-pittura, ċinematografiku jew mużikali, li huwa espressjoni preċiża u oġġettiva, l-identifikazzjoni tat-togħma ta' prodott tal-ikel hija bbażata essenzjalment fuq sensazzjonijiet u esperjenzi tat-togħma li huma suġġettivi u varjabbli għaliex huma jiddependu, b'mod*

*partikolari, fuq fatturi marbuta mal-persuna li dduq il-prodott ikkonċernat, bħall-età tagħha, il-preferenzi tal-ikel tagħha u d-drawwiet ta' konsum tagħha, kif ukoll fuq l-ambjent jew il-kuntest li fih persuna dduq dan il-prodott.*

*Barra minn hekk, identifikazzjoni preċiża u oġġettiva tat-togħma ta' prodott tal-ikel, li tippermetti li din tiġi distinta mit-togħma ta' prodotti oħra tal-istess natura, ma hijiex possibbli b'mezzi tekniċi fl-istat attwali tal-iżvilupp xjentifiku.*" (para 40 sa 43)

<u>**Konsiderazzjonijiet**</u>

**49.** Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet legali, m'għandux għalxiex ikun dubitat li platt bid-disinn tal-Imdina b'superimposizzjoni ta' karozzin Malti huwa oġġett "*identifikabbli bi preċiżjoni u oġġettività*" għaliex għandu bħala suġġett "*espressjoni preċiża u oġġettiva*" fit-termini tas-sentenza **C-310/17 Levola Hengelo BV v Smilde Foods BV** appena ċitata. Għaldaqstant dan il-platt jaqa' fil-klassifika ta' xogħol artistiku kif imfissra fl-artikolu 2 tal-Kap. 415 tal-Liġijiet ta' Malta.

**50.** Is-Soċjetá Konvenuta fil-fatt ma hiex qed tikkontesta l-forma materjali tax-xogħol artistiku mertu tal-kawża odjerna. Dak li qed tikkontesta s-Soċjetá Konvenuta permezz tat-tieni eċċezzjoni sollevata minnha a' fol 10, huwa r-rekwiżit l-ieħor tal-oriġinalitá (ara paragrafu 2.1 tan-nota ta' sottomissjonijiet a' fol 210).

**51.** Iżda applikat l-interpretazzjoni ta' dan ir-rekwiżit kif armonizzata mis-CJEU fis-sentenzi fuq ċitati, din il-Qorti tara li x-xogħol tal-Atturi għandu fil-fatt jikkostitwixi espressjoni ta' kreazzjoni intelletwali.

**52.** L-għażla tal-attur John Borg li jinkwadra x-xena tal-Imdina minn taħt b'karrozzin Malti quddiemha b'dak l-angolu kif muri fil-platt kienet waħda libera u kreattiva fis-sens tal-kawżi **Murphy** u **Dataco.** F'dik l-istampa kif proġettata fuq il-platt John Borg ħalla dak "l-irtokk personali" tiegħu fuq ix-xogħol minnu maħluq fis-sens spjegat fil-kawża **Painer**. Għaldaqstant l-istess għandha tgawdi mill-protezzjoni tad-drittijiet tal-awtur taħt id-Direttiva Infosoc kif trasposta permezz tal-Kap. 415. Isegwi li l-Atturi għandhom id-dritt esklużiv li jawtorizzaw jew jipprojbixxu "r-riproduzzjoni diretta jew indiretta, temporanja jew permanenti" tal-materjal protett kif stipulat fl-artikolu 7 tal-Kap. 415 għal perjodu ta' sebgħin sena wara l-aħħar tas-sena 2018 li fiha miet John Borg (ara ċertifikat tal-mewt a' fol 241) fis-sens tal-artikolu 4(2)(i) tal-Kap. imsemmi.

**53.** Il-Qorti għalhekk sejra tgħaddi biex tqis jekk is-Soċjetá Konvenuta hijiex in kontravvenzjoni tad-drittijiet tal-awtur tal-attur John Borg taħt l-artikolu 42 tal-Kap. 415.

**54.** Il-platt manifatturat mis-Soċjetá Konvenuta ġie eżebiet mill-Attur John Borg waqt ix-xhieda tiegħu tas-7 ta' Marzu 2012 (ara nota a' fol 89). L-Attur xtara dan il-platt fl-1 ta' Settembru 2011 mingħand Mdina Souveniers, Triq San Publiju, l-Imdina għall-prezz ta' €12.50. Il-platt

immanifatturat mill-Atturi ma ġiex eżebiet iżda hemm stampa tiegħu fid-dikjarazzjoni rilaxxjata mid-diretturi tas-Soċjetá estera A.L.C.E.A.R. preżentata fl-atti tal-mandat. Minn din l-istampa jirrisulta, minkejja s-swidija tagħha, li s-Soċjetá Konvenuta ikkupjat 'l-irtokk personali' maħluq mill-Attur John Borg tax-xena tal-Imdina minn taħt b'karrozzin Malti quddiemha, u fasslitu bl-istess angolu fix-xena proġetta fil-platt tagħha.

**55.** Dan jistqarru wkoll Mark Giordimaina li jiġġestixxi l-ħanut tas-souveniers fl-Imdina, minn fejn l-Attur John Borg xtara l-platt mmanifatturat mis-Soċjetá Konvenuta. Is-Sur Giordimaina kien l-uniku wieħed li ntalab iqabbel iż-żewġ platti minħabba li kien jixtrihom kemm mingħand l-Attur u anke mingħand is-Soċjetá Konvenuta. Għalkemm fix-xhieda tiegħu huwa inizjalment jgħid li f'dawn il-platti jeżistu "differenzi bħala size, bħala kuluri, bħala orientation tal-affarijiet li hemm fuqhom" (fol 73), huwa rrikonoxxa li ż-żewġ platti fil-fatt juru l-istampa tal-Imdina u l-Karrozzin (ara fol 74). Huwa jispeċifika li fl-istampa tas-Soċjetá Konvenuta il-karrozzin qed iħares id-direzzjoni opposta (fol 78) iżda jikkonferma li dawn iż-żewġ platti "huma simili ħafna" (fol 77). Li hemm differenza hija d-daqs tal-istampa fuq il-platt immanifatturat mis-Soċjetá Konvenuta li hija ikbar u li għalhekk iġġib iktar flus (fol 76).

**56.** Is-sid u d-direttur tas-Soċjetá Konvenuta Adrian Grima jistqarr li huwa kien jaf b'dan il-platt in kwistjoni kif immanifaturat mill-Atturi (ara fol 113 u 194). Huwa iżda jgħid li l-istampa ġiet maħluqa minn disinjaturi ċiniżi wara li hu spjegalhom kif iridha bil-mezz ta' kartolini li huwa

bagħtilhom (ara fol 192). Uħud minn dawn il-kartolini ġew preżentati (a' fol 185 bħala Dok AG 1 u Dok AG2). Dawn il-kartolini juru xeni u triq tal-Imdina mingħajr il-karozzin.

**57.** Il-Qorti hija moralment konvinta li sabiex joħroġ stampa bl-istess kunċett tal-karrozzin fl-isfond tal-veduta tal-Imdina bħal dik tal-Atturi, s-Sur Adrian Grima bilfors bagħat lid-disinjaturi tal-inqas kopja tal-istampa tal-platt immanifatturat mill-Atturi.

**58.** Is-Sur Grima jipprova jiskolpa lilu nnifsu billi jgħid li l-istess oġġett in kwistjoni jiġi mpurtat ukoll minn terzi ignoti oħrajn u mhux minnu biss (ara fol 111). Iżda fuq hekk ġie kemm il-darba ritenut li *"Il-konvenut ma jista' jaddebita l-ebda htija fuq terz meta jonqos li jsejjah lil tali persuna fil-kawza. Id-difiza tat-terz injot mhix sostenibbli ghaliex il-kawza hija bejn il-kontendenti u l-ebda parti mit-tort ma tista' tigi addebitata lil xi hadd li ma hux fil-kawza."*" (**Anthony Fenech nomine vs Paul Gauci**, **Prim' Awla tal-Qorti Civili, 21 ta' Frar 1994). Ara wkoll Richard Fenech vs Rook Construction Limited, Prim' Awla Qorti Ċivili, 3 ta' Ottubru 2003 u Emanuel Zammit noe vs Charles Polidano pro et noe, Qorti tal-Appell, 31 ta' Jannar 2014**).

**59.** Din il-Qorti tikkonkludi għalhekk li fl-immanifatturar/importazzjoni, distribuzzjoni u bejgħ minnha ta' platti li juru l-karrozzin fl-isfond tax-xena tal-Imdina, is-Soċjetá Konvenuta kisret id-drittijiet tal-awtur tal-Atturi billi mxiet in kontravvenzjoni ta' dawn id-drittijiet ai termini tal-artikolu 42(1)(b)

u (d) tal-Kap 415. Dan ifisser li, kif jistipula l-artikolu 43(1) tal-istess Kap. 415, is-Soċjetá Konvenuta għandha tiġi kkundannata għall-ħlas tad-danni jew penali u għar-restituzzjoni tal-qligħ kollu li jkun sar mill-kontravvenzjoni tad-drittijiet tal-awtur.

<u>Danni jew penali</u>

**60.** Fit-termini tal-istess artikolu 43(1), il-ħlas tad-danni jew penali għandha tiġi stabbilita skont skala ta' multi preskritta mill-Ministru wara li l-Qorti tieħu kont taċ-ċirkostanzi tal-każ. Din l-iskala iżda għadha ma ġietx hekk preskritta. Dan isarraf f'nuqqas ta' kjarezza legali ai fini ta' x'għandu jiġi kkunsidrat fil-kalkolu ta' danni jew multi.

**61.** Safejn tipprovdi għal azzjoni għad-danni, l-artikolu 43 jittrasponi l-artikolu 8(2) tad-Direttiva Infosoc. Dan l-artikolu jobbliga kull Stat Membru sabiex "*jieħu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li d-detenturi tad-drittijiet li l-interessi tagħhom ikunu affettwati minn attivitá illegali mwettqa fit-territorju tiegħu jistgħu jieħdu azzjoni għad-danni...*".

**62.** L-artikolu 13 tad-Direttiva 2004/48/KE jafferma mill-ġdid din l-obbligazzjoni imposta taħt l-Artikolu 8(2) tad-Direttiva Infosoc f'iktar dettal u jagħmilha applikabbli mhux biss fir-rigward tad-Drittijiet tal-Awtur iżda fir-rigward tad-Drittijiet kollha ta' Proprjetá Intelletwali. Dan l-artikolu ġie traspost fil-liġi tagħna fl-artikolu 12 tal-Att XX tal-2006 li Jirregola l-Infurzar ta' Drittijiet ta' Proprjetá Intelletwali, Kap. 488 tal-Liġijiet ta' Malta

(https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/NIM/?uri=CELEX:32004L0048&qid=1585784203829).

**63.** Fis-**Sentenza tas-15 ta' Marzu 2016 fl-ismijiet C-99/15 Christian Liffers vs Producciones Mandarina SL u Mediaset Espa*ña Comunicación SA, anciennement Gestevisión Telecinco***, rriteniet li "*Fid-dawl tal-għanijiet tad-Direttiva 2004/48, l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 13(l) tagħha għandu jiġi interpretat fis-sens li dan jistabbilixxi l-prinċipju li jgħid li l-kalkolu tal-ammont tad-danni li għandhom jitħallsu lill-proprjetarju ta' dritt ta' proprjetà intellettwali għandu jkun intiż biex jiżgura lil dan tal-aħħar il-kumpens sħiħ tad-dannu "attwali soffert minnu/minnha" bl-inklużjoni wkoll tal-eventwali dannu morali li jkun seħħ.*" (punt 25).

**64.** Fid-dawl ta' din l-interpretazzjoni l-artikolu 13 jinkludi bħala 'dannu attwali soffert' il-konsegwenzi negattivi ekonomiċi u danni morali tal-parti mġarrba.

**65.** Skont l-istess artikolu l-konsegwenzi negattivi ekonomiċi jikkonsistu fi qliegħ mitluf tal-parti mġarrba u profitti inġusti ta' min iwettaq il-kotravenzjoni jew, alternattivament, ħlasijiet li kellu jħallas li kieku talab l-awtoriżazzjoni biex juża' d-drittijiet tal-proprjetá ntellettwali in kwestjoni.

**66.** Fir-rigward ta' danni morali, il-Kummissjoni Ewropea inkludiet bħala eżempji "każijiet li fihom seħħ dannu għar-reputazzjoni tad-detentur tad-drittijiet, stress emozzjonali, tbatija kkawżata minn ksur, eċċ." (Gwida dwar ċerti aspetti tad-Direttiva 2004/48/KE paġna 5). Din il-Qorti tqis

xieraq li tikkunsidra dawn l-aspetti kif imfissra fl-artikolu 13 tad-Direttiva 2004/48/KE u nterpretati fis-**Sentenza ta' Christian Liffers** bħala linji gwida fil-kalkolu minnha għad-danni dovuti lill-Atturi.

**67.** Billi ma hux magħruf l-ammont ta' ħlas li kellu jitħallas mis-Soċjetá Konvenuta li kieku talbet l-awtoriżżazzjoni tal-Atturi, il-Qorti se tikkunsidra ai fini ta' kalkolu, l-qliegħ mitluf bħala l-parti mġarrba u profitti inġusti magħmula mis-Soċjetá Konvenuta. Bħala prova ta' qliegħ mitluf minnhom, l-Atturi preżentaw biss tnejn u għoxrin fattura (a' fol 158 sa 170) biex juru t-tnaqqis ta' ordnijiet ta' dawn il-plattini mill-Atturi bejn is-sena 1995 sal-2003. Iżda billi hemm iktar minn oġġett wieħed imniżżel f'dawn il-fatturi, ma huwiex ċar għal din il-Qorti liema min dawn l-oġġetti huma fil-fatt il-platti mertu tal-kawża odjerna.

**68.** Il-Qorti lanqas ma hija f'qagħda li tiddettermina kemm effettivament u bi preċiżjoni intilef qliegħ unikament mit-tnaqqis fl-ordnijiet tal-platti rifless fil-fatturi preżentati. Dan għaliex dawn ma ġewx ikkorroborati b'xi prova oħra li turi l-prezz u l-ammont ta' bejgħ qabel u wara ma daħlu fis-suq il-platti manifatturati mis-Soċjetá Konvenuta. Mingħajr prova konkreta li jagħmilha possibli li jiġi kwantifikat il-qliegħ b'dana kollu li bħala fatt jirrisulta li l-Konvenut għamel qliegħ ma jfissirx li din il-Qorti xorta waħda ma għandhiex id-diskrezzjoni li timxi fuq il-prinċipji ta' ġustizzja ekwittattiva u tapplika il-prinċipju tal-arbitrio boni viri.

**69.** Dan huwa spjegat mill-Qrati tagħna fil-kawża fl-ismijiet **Margaret Camilleri, Caroline Ebejer u Monica Gatt vs The Cargo Handling Co Ltd deċiża fit-13 ta' Ottubru 2004** fejn intqal is-segwenti:

*"In vista tad-divergenza ta' veduti mill-kontendenti fuq il-materja, kombacjat ukoll ma' l-aspetti aktar 'il fuq accennati, ma jidherx li hu possibbli, fl-isfond tar-rizultanzi processwali, illi tigi stabbilita stima awtentika u preciza ta' l-entita` tat-telf. Jew ghallanqas jista' jinghad li minhabba l-effett tad-diversi konkawzi jezistu diffikoltajiet ghallotteniment tal-likwidazzjoni specifika certa u tad-determinazzjoni preciza tat-telf. Meta hekk tirrizulta li hi s-sitwazzjoni forsi l-uniku parametru suggeribbli hu dak ekwitattiv. Logikament, pero`, il-likwidazzjoni ekwitattiva trid dejjem tinzamm fil-qafas tas-sistema kodicistika tar-rizarciment kif espress fl-Artikolu 1135 fuq riferit;*

*Ma jistax ikun dubitat illi hu rikonoxxut lill-gudikant anke fis-sistema talligi taghna l-poter diskrezzjonali li jillikwida t-telf u l-qligh bladoperu tal-kriterju sussidjarju tal-valutazzjoni ekwitattiva. Ara a propozitu decizjoni a Vol. XXXV P III p 615 fejn gie proprju rikonoxxut, fuq l-istregwa ta' dak espress mill-Qorti Taljana ta' Kassazzjoni, illi "vi hanno casi in cui, non potendosi avere mezzi istruttori, e` rimesso al magistrato il valutare 'ex aequo et bono' secondo i dettami della sua ragione e coscienza, l' ammontare del danno al risarcimento del quale taluno fu condannato;".*

**70.** Għalhekk din il-Qorti, abbażi tal-prinċipju fuq spjegat ser tiffissa ammont arbitrio boni viri fil-valur ta' **€15,000** bħala danni rappreżentanti telf ta' qliegħ tal-Atturi.

**71.** Il-Qorti issa sejra tikkonsidra l-profitti tas-Soċjetá Konvenuta mill-platti in kwistjoni. Ma hemm xejn fl-Atti li b'xi mod jindika li dawn ġew miksuba inġustament ħlief li dawn saru mill-kontravvenzjoni tad-drittijiet tal-awtur tal-Atturi. Il-liġi permezz tal-artikolu 43 espressament tikkundanna r-restituzzjoni ta' dan il-qliegħ dejjem jekk ma jiġix pruvat li fiż-żmien tal-kontravvenzjoni s-Soċjetá Konvenuta ma kienetx taf jew ma setgħetx tkun raġonevolment mistenni li tkun taf bl-eżistenza tad-drittijiet tal-awtur fuq il-platti in kwistjoni. Dan se jiġi kkunsidrat minn din il-Qorti iktar 'il quddiem f'din is-Sentenza.

**72.** Ma hemm lanqas ebda prova ta' danni morali li l-Atturi setgħu soffrew u li jaqgħu taħt l-eżempji mogħtija mill-Kummissjoni Ewropea. Għaldaqstant il-Qorti tqis li m'għandhiex tikkundanna lis-Soċjetá Konvenuta għal ħlas ta' danni morali.

<u>Restituzzjoni tal-qligħ kollu li jkun sar mill-kontravvenzjoni tad-drittijiet tal-awtur</u>

**73.** Kif diġa ingħad, l-artikolu 43(1) espressament jikkundanna r-restituzzjoni ta' dan il-qliegħ b'żieda mal-kundanna għall-ħlas tad-danni jew penali. Dan sakemm ma tkunx saret il-prova għas-sodisfazzjoni tal-Qorti li fiż-żmien tal-kontravvenzjoni ma kienetx taf jew ma setgħetx tkun

raġonevolment mistenni li tkun taf bl-eżistenza tad-drittijiet tal-awtur fuq il-platti in kwistjoni.

**74.** Is-Soċjetá Konvenuta ma ġabet l-ebda prova f'dan is-sens. Anzi, ġie ammess minnha stess li hija kienet taf bil-platti bix-xena inkwistjoni kif immanifatturati mill-Atturi (ara xhieda Adrian Grima a' fol 113 u 194). Ladarba kienet taf b'dan, il-Qorti tqis li s-Soċjetá Konvenuta kienet raġonevolment mistennija li tkun taf bl-eżistenza tad-drittijiet tal-awtur tal-Atturi fuq il-platti in kwistjoni. Għaldaqstant sejra tikkundanna r-restituzzjoni tal-qliegħ kollu li hija għamlet mill-manifattura, l-importazzjoni u d-distribuzzjoni ta' dawn il-platti bi stampi li huma riproduzzjoni ta' dawk tal-Atturi.

**75.** Ai fini ta' kalkolu ta' dan il-qliegħ, jiġi kkunsidrat li fix-xhieda tiegħu tal-4 ta' Diċembru 2012, Adrian Grima qua direttur tas-Soċjetá Konvenuta, jgħid li fuq dawn il-platti huwa jagħmel markup ta' 200% (ara fol 109). Huwa jgħid li jixtrihom €2 u jbiegħhom €8-il wieħed lill-madwar 100 ħanut madwar Malta. Huwa jbiegħ ukoll mill-ħanut tal-kumpanija stess ġewwa l-Imdina (ara xhieda a' fol 109 u 110). Jgħid ukoll li dawn il-platti kienu jimxu xi 10 jew 8 snin ilu imma issa l-ftit (ara l-aħħar sentenza a' fol 107). Huwa jkompli jixhed li kien ilu fis-suq b'dawn il-platti xi sena u nofs qabel is-sena 2001 li hija s-sena li nfetħu dawn il-proċeduri (ara fol 110). Fix-xhieda tiegħu tal-4 ta' Marzu 2014, huwa jiddikjara perjodu ftit itwal, preċiżament "over fifteen years". John Borg minn naħa l-oħra jgħid li s-Soċjetá Konvenutá ilha timmanifatura dawn il-platti sa minn l-aħħar

tas-snin tmeninijiet (ara fol 95) filwaqt li ħuh Kevin Borg jgħid li din ilha hekk timmanifatturahom sa minn l-aħħar tad-disgħinijiet (ara fol 98). Il-verżjoni tas-Soċjetá Konvenuta taqbel ma' dik ta' Kevin Borg, ħu l-attur. Għaldaqstant, ai fini ta' kalkolu, l-Qorti sejra tqis li s-Soċjetá Konvenuta bdiet timmanifattura dawn il-platti minn Lulju tas-sena 1999, jiġifieri sentejn qabel ma nfetħu dawn il-proċeduri.

**76.** Is-Sur Grima jiddikjara li mill-ħrug tal-mandat numru 1603/01 huwa ma baqgħax ibiegħ minn dawn il-platti (ara xhieda a' fol 191). Iżda mix-xhieda tas-sur Giordmaina tal-10 ta' Novembru 2011 jirriżulta mod ieħor. Is-Sur Giordmaina stqarr li kien għadu jixtri minn dawn il-platti mingħand is-Soċjetá Konvenuta (ara xhieda a' fol 77). L-irċevuta datata 1 ta' Settembru 2009 li nħarġet għall-akkwist mill-Attur tal-platt manifatturat mis-Soċjetá Konvenuta wkoll minnha nnifisha ixxejjen dak dikjarat mill-istess Adrian Grima.

**77.** Mill-atti ma jirriżultax kemm is-Soċjetá Konvenuta kienet tiddistribwixxi u tbiegħ minn dawn il-platti. Il-Qorti sejra għalhekk skont l-arbitriju razzjonali tagħha tikkonkludi li s-Soċjetá kienet tbiegħ medja ta' sitt elef (6,000) fis-sena. Il-Qorti waslet għal dan l-ammont wara li kkunsidrat il-medja tal-ammonti indikati fil-fatturi tas-sena 1995 ippreżentati mill-Atturi (a' fol 158 sa 161). Il-Qorti sejra tqis li tlett kwarti minn dan l-ammont ġie distribwit mill-ħwienet filwaqt li l-kwart rimanenti ġie mibjugħ mis-Soċjetá Konvenuta stess.

**78.** Il-verżjoni tas-Soċjetá Konvenuta mogħtija fl-4 ta' Diċembru 2012 li l-bejgħ ta' dawn il-platti beda jonqos xi 10 jew 8 snin qabel ma ġietx kontestata. Għaldaqstant il-Qorti sejra tnaqqas din il-medja ta' 6,000 fis-sena bir-rata ta' 5% kull sena li tibda mis-sena 2004.

**79.** Rigward il-profitt gwadanjat mis-Soċjetá Konvenuta fuq kull platt li ġie minnha distribwit mill-ħwienet, il-Qorti se toqgħod fuq l-ammonti mogħtija mid-direttur tas-Soċjetá Konvenuta Adrian Grima fix-xhieda tiegħu. Għalhekk tikkalkula profitt ta' €6 (€8-€2) (ara a' fol 110 ). Minn dan l-ammont se jitnaqqas rata ta' inflazzjoni annwali ta' 2.41 għal perjodu bejn l-1999 u l-2012 li hija s-sena li fiha Adrian Grima xehed b'dawn il-figuri (a' fol 110). Din ir-rata hija r-rata medja tal-inflazzjoni għal dak il-perjodu skont l-NSO (ara s-sit elettroniku https://nso.gov.mt/en/nso/Selected_Indicators/Retail_Price_Index/Pages/Index-of-Inflation.aspx).

**80.** Il-kalkolu fuq spjegat bħal bejgħ wholesale sejjer għalhekk jinħadem kif ġej f'din it-tabella:

| Sena | Ammont | Qliegħ minn kull platt<br>€ | Total<br>€ |
|---|---|---|---|
| 1999 | 4,000 | 4.12 | 16,480 |
| 2000 | 4,000 | 4.27 | 17,080 |
| 2001 | 4,000 | 4.41 | 17,640 |
| Total | | | 51,200 |

**81.** Rigward il-profitt ġenerat mis-Soċjetá Konvenuta fuq kull platt li ġie minnha mibjugħ, il-Qorti se toqgħod fuq l-ammont ta' €12.50 li huwa l-prezz indikat fl-irċevuta li biha l-attur John Borg xtara l-platt fl-1 ta' Settembru 2011 mingħand Imdina Souveniers. Minn dan l-ammont il-Qorti se tnaqqas l-ispiża tal-importazzjoni kif dikjarat minn Adrian Grima, jiġifieri, €2 fuq kull platt. B'hekk il-qliegħ iġġenerat minn dan il-bejgħ jammonta għal €10.50 -il platt. Minn dan l-ammont se jitnaqqas rata ta' inflazzjoni annwali ta' 2.41% għal perjodu bejn l-1999 u l-2011 li hija s-sena li fiha ġie akkwistat il-platt bl-irċevuta in kwistjoni. Din ir-rata hija r-rata medja tal-inflazzjoni għal dak il-perjodu. Għall-perjodu bejn 2012 sas-sena preċedenti għad-data ta' din is-sentenza, il-Qorti se żżid rata ta' inflazzjoni annwali ta' 1.25% li hija r-rata medja tal-inflazzjoni għal dak il-perjodu.

**82.** Il-kalkolu fuq spjegat sejjer għalhekk jinħadem kif ġej f'din it-tabella:

| Sena | Ammont | Qliegħ min kull platt<br>€ | Total<br>€ |
|---|---|---|---|
| 1999 | 2,000 | 6.86 | 13,720 |
| 2000 | 2,000 | 7.11 | 14,220 |
| 2001 | 2,000 | 7.48 | 14,960 |

| | |
|---|---|
| Total | 42,902 |

**83.** Għaldaqstant, l-ammont globali ta' qliegħ iġġenerat mis-soċjetá Konvenuta bid-distribuzzjoni u l-bejgħ minnha tal-platti in kwistjoni huwa ta' **€94,102**.

Danni addizzjonali

**84.** In vista tas-sitt u s-seba' talbiet attriċi il-Qorti issa sejra tiddetermina jekk għandhiex tagħti danni addizzjonali skont l-artikolu 43(2) tal-Kap. 415. Skont dan l-artikolu, f'din id-determinazzjoni l-Qorti trid "tqis iċ-ċirkostanzi kollha u b'mod partikolari l-flagranza tal-kontravvenzjoni u kull benefiċċju li jmur favur il-konvenut minħabba fil-kontravvenzjoni".

**85.** Kif ħareġ ċar mill-atti tal-każ (ara l-fatti ikkunsidrati taħt l-intestatura ta' qabel din), is-Soċjetá Konvenuta baqgħet tbiegħ u tiddistribwixxi dawn il-platti minkejja d-digriet tat-2 ta' Lulju 2001 li permezz tiegħu din il-Qorti diverżament presjeduta laqgħet definittivament il-mandat ta' inibizzjoni numru 1603/01. B'dan l-aġir illegali s-Soċjetá Konvenuta kompliet tieħu favur tagħha vantaġġ frawdolenti mill-kontravvenzjoni tad-drittijiet tal-awtur tal-Atturi anke waqt li kienet għadha għaddejja din il-kawża. L-istess għalhekk għandha titqies bħala waħda flagranti biżżejjed sabiex l-Atturi jingħataw mis-Soċjetá Konvenuta danni addizzjonali fl-ammont ta' **€20,000**.

**86.** Sa fejn jirrigwarda t-tmien talba Attrici artiklu 42(3) tal-Kap 415 tal-liġijiet ta' Malta jiddisponi hekk:

*"Il-Qorti tista', barra minn dan, f'kawża istitwita skont dan is-subartikolu, fuq rikors tal-attur, tordna li l-oġġetti kollha kontravvenjenti li jkunu għadhom fil-pussess tal-konvenut jiġu konsenjati lill-attur ".*

**87.** F'dan ir-rigward il-Qorti qed tieħu in konsiderazzjoni iż-żmien li ilha pendenti din il-kawza. Ma inġabet ebda prova tal-kwantitajiet tal-platti li jista' jkun għadhom fil-pussess tas-Soċjeta' Konvenuta. It-trapass ta' żmien fih innifsu huwa fattur li jrid jittieħed kont tiegħu ai fini ta' din it-talba (**Ara Sentenza fl-ismijiet Yellow Pages (Malta) Ltd -vs- Malta Directories Ltd, Prim Awla tal-Qorti Civili, tas-17 ta' Ġunju 2015)**. Di piu' l-ordni li jkun hemm ir-restituzzjoni ma hux wieħed awtomatiku iżda jrid jintalab permezz ta' rikors appositu. Di fatti l-artikolu ċitat jagħmilha ċara li l-Qorti tagħti ordni ta' din ix-xorta "*fuq rikors tal-attur*". Ghalhekk din it-talba ser tkun miċħuda.

**<u>Decide</u>**

Għaldaqstant u għar-raġunijet fuq imsemmija, il-Qorti qiegħdha taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi;

**Tiċħad l-eċċezzjonijiet** tas-Soċjetá Konvenuta.

**Tilqa' l-ewwel talba Attriċi** u tiddikjara illi s-Soċjetá Konvenuta għamlet kopji ossia riproduzzjonijiet tas-"souvenirs" li juru l-veduta tal-Imdina minn taħt b'karozzin Malti quddiemha li fuqhom l-Atturi għandhom drittijiet tal-awtur, u dan bi ksur tal-Kap. 415 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Tilqa' t-tieni talba Attriċi** u tikkundanna lis-Soċjetá Konvenuta biex tħallas id-danni lill-Atturi.

**Tilqa' t-tielet talba Attriċi** u tillikwida is-somma in linea ta' danni li s-Soċjetá Konvenuta għandha tiġi kundannata li tħallas lill-Atturi fl-ammont ta' **ħmistax-il elf Ewro (€15,000)**.

**Tilqa' r-raba talba Attriċi** u tikkundnna lis-Soċjetá Konvenuta sabiex tirrestitwixxi lill-Atturi l-qliegħ kollu illi hija għamlet mill-kontravenzjoni tad-drittijiet tal-awtur, illi għandhom l-Atturi.

**Tilqa' l-ħames talba Attriċi** u tillikwida dak il-qliegħ li s-Soċjetá Konvenuta għamlet mill-kontravenzjoni tad-drittijiet tal-awtur, liema qliegħ is-Soċjetá Konvenuta għandha tiġi kundannata li tirrestitwixxi lill-Atturi fl-ammont ta' **erbgħa u disgħin elf mija u żewġ Ewro (€94,102)** u dan kif spjegat aktar 'l fuq f'din is-Sentenza.

**Tilqa' s-sitt talba Attriċi** u tordna lis-Soċjetá Konvenuta tħallas lill-Atturi dawk id-danni addizzjonali kif likwidati fis-sebgħa talba.

**Tilqa' s-seba talba Attriċi** u tillikwida dawk id-danni addizzjonali li għandhom jingħataw mis-Soċjetá Konvenuta lill-Atturi fl-ammont ta' **għoxrin elf Ewro (€20,000).**

**Ticħad it-tmien talba** Attrici.

Spejjeż tal-kawża jitħallsu mis-Soċjetá Konvenuta. Bl-imgħax legali fuq is-sommom kollha fuq imsemmija mill-presenti Sentenza sal-pagament effettiv.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**